# IS-SERQA TAX-XABLA TA' SIR ALEXANDER BALL

## (L-EWWEL GVERNATUR TA' MALTA)

Wara li kien ġie maqtugħ mill-Potenzi, fit-Trattat ta' Amiens, li Malta tingħata mill-ġdid lil l-Ordni, fi Gżirietna reġa' ġie Sir Alexander Ball, l-ewwel Gvernatur li kellna.

Ball ġie Malta bħala Regju Kommissjonarju tar-Re Ingliż, flok Cameron, billi l-Gran Mastru ta' l-aħħar kellu jsiefer minn hawn bil-permess. Fuq hekk, lil Ball tawh is-setgħa biex jieħu ħsieb li jitlak lil Malta f'idejn il-Kavalieri ta' San Ġwann, u huwa (Ball), jibqa' hawn bħala Ministru Plenipotenzarju ta' l-Ingilterra ma' l-Ordni.

Għal miġja mill-ġdid ta' Ball fi Gżirietna, misserijietna ferħu ħafna, u ftehmu li jatuh xabla rigal fl-isem tal-Poplu Malti.

Għal biex jieħdu ħsieb ta' dina l-biċċa, ġew magħżula Lippin Castagna, Logutent tal-Isla u Bormla, u Ċensu Borg (Braret), Logutenent ta' Birkirkara. Dawn it-tnejn għażlu lil Ġakkinu Lebrun biex jieħu ħsieb tax-xogħol fix-xabla li kellha ssir.

Lebrun kien l-imgħallem taz-zekka ta' l-Ordni. Baqa' mgħallem fi żmien il-Franċiżi wkoll, billi dawn, fiż-żmien li damu hawn, stampaw xi flus ta' Malta bil-konnijiet tal-Gran Mastru Hompesch. Barra minn hekk, Lebrun għal bidu ta' l-Ingliżi, baqa' għal xi żmien jieħu ħsieb tal-għodod u l-magni li kien fadal fiz-zekka. Imbagħad, wara li spiċċa mil l-impieg ta' mgħallem minn mal-Gvern, rama' ħanut ta' arġentier għal rasu.

Ix-Xabla li taw lil Ball, ġiet maħduma, bl-akbar reqqa u bl-iżjed sengħa, mil l-imgħallem Ċikku Zimelli. Ix-xogħol tagħha sar fil-ħanut, taħt għajnejn Lebrun, u ħarġet waħda mil l-isbaħ xwabal li qatt dehru.

Il-lama tagħha kienet inġiebet minn Napli minn wieħed ta' l-iżgirma, jismu Lippu Izzo. Il-maqbad tagħha sar hawn Malta. Kien deheb kollu jiswa ma dwar 900 skud. In-nefqa tax-xogħol biex saret u t-tinqix li sar fiha biex inagħmlet laħqu mas-700 skud oħra. Għalhekk, dina x-xabla ġiet tiswa mal-£150, prezz, li għal dak iż-żmien, kien jidher bil-wisq aktar u iżjed milli jidher il-lum.

Malli x-xabla kienet lesta minn kollox, ġiet mogħtija lil Ball, fl-imkien ma Indirizz bit-Taljan, fl-4 ta' Settembru ta' l-1802. Dana l-indirizz, li fih kien hemm imniżżel isem ir-Rappreżentanti kollha tan-Nazzjon Maltija, kien mimli kollu tifħir lil-Ball, fuq li dan għamel mal-Maltin, bħala Kap tagħhom, fis-sentejn ta' l-Imblokk. tal-Franċiżi.

Iżda Ball ma damx żmien wisq jitgħaxxaq bix-xabla li tawh il-Maltin, għax serquhielu u, min ħadielu, ma nqabadx.

Għal din is-serqa ta' l-imsemmija xabla, Castagna, fl-Istorja ta' Malta li kiteb, igħid li billi Ball, fil-Gvern tiegħu, kisirha u kellu xi jgħid ma x'uħud, ġie mibgħud minn dawn. Fuk hekk, biex jinkuh, itteħditlu x-xabla li kien qala' erba' snin qabel, bla ma nsab u la hi u l-anqas min seraqhielu. Iżda milli qal Castagna dwar ix-xabla ta' Ball, wisq ftit hemm minnu u sewwa kif ser nuru hawn. Dan ħadnieh minn kitba ta' dak iż-żmien u li ġiet f'idejna m'ilux.

Tassew li min seraq ix-xabla ta' Ball ma nsabx, bħal ma qal Castagna ; iżda min ħadha, la serakhielu erba' snin wara li kienet ilha għand Ball, u l-anqas ħadha, kif jidher milli ser nghidu, biex jinki lil Ball. Min seraqha ħadhielu biex jieħu d-deheb li kien hemm fiha biss. Araw kemm hu hekk. Castagna jgħid, li x-xabla ma nsabitx, fil-ħin li x-xabla kienet insabet bil-lama tagħha u bil-għant li kellha. Ma nsabx il-maqbad tad-deheb tagħha flimkien mad-deheb l-ieħor li kellha.

Minn dan li għidna wieħed jara sewwa, li kieku min seraqhielu, ħadhielu biex jinkih, bħal ma qal Castagna, kieku kien jeħodhielu bla ma jħallilu minnha xejn. Terġa', ix-xabla ta' Ball ma nserqitlux fl-1806, kif ried ifisser Castagna b'li qal, iżda ħaduhielu għal ħabta ta' Ġunju ta' l-1804, jiġifieri sentejn wara li kienet ilha għandu.

Ix-xabla ta' Ball kienet tinżamm f'Bureau, f'waħda mis-swali tal-Palazz, imsejjħa *ta' l-Alcova*, mħabba f'daħla fil-ħajt li kien hemm. F'dina l-kamra kien is-soltu li jinża' u jilbes fiha l-Gvernatur Ball.

Fil-mogħdija ewlenija li kienet tati għall-kmamar ta' Ball, ma kien ikun hemm ħadd għassa. Għalhekk bil-lejl kienet tinqafel b'muftieħ, u dan kien jintrafa' fil-Korp tal-Għassa tal-Palazz stess. F'mogħdija oħra li kienet tiġi ħdejn l-Armerija u tati għat-Turretta, bil-lejl kien ikun hemm dejjem għassa wieħed mis-Suldati Veterani (Suldati Xjuħ li kienu jservu bħala Pulizija biss). Imma, billi dan ta' l-għassa aktarx kien ikun dejjem rieqed, milli mqajjem, fil-kmamar

ta' Ball, l-aktar f'dik il-kamrali fiha kienet miżmuma x-xabla, kien jista' jidħol fiha kullħadd.

Il-Gvernatur Ball, bħala kamrier miegħu, kellu lil wieħed Taljan, jismu Ġampatist Carminati. Dan kien ilu ħafna Malta, u hawn għaqqad sold ġmielu bin-negozju li kellu u billi wkoll dejjem kien kamrier ma' nies cbar.

Carminati, fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi, kellu ħanut tax-xorb u tal-kafè f'Ħal-Lija. Iżda meta nfetħu l-Ibliet, biegħ il-ħanut li kellu u tiegħu daħal qabda flus ġmielha, u mar daħal kamrier ma' l-Ajjutant tal-General Pigot. Meta telaq Pigot minn hawn, daħal ma' Fernandes, Kommissarju Generali. Imbagħad daħal ma' Cameron, u wara li teleq dan, baqa' ma' Ball b'20 Skud fix-xahar u l-ikel.

Għalkemm Carminati kien impiegat, il-flus li kellu baqa' jħaddimhom, billi kien jislifhom bl-imgħax, u għalhekk issokta żied iżjed ma' li kellu. Meta lil Carminati saritlu tfittxija f'daru, wara li naqset ix-xabla, sabulu ħafna flus u ħwejjeġ tad-deheb, barra minn obbligazzjonijiet oħra ta' nies li kellhom jatuh, fosthom waħda ta' 300 skud u oħra ta' 800 skud.

F'dina l-kitba tagħna, għalkemm il-qarrej isib imsemmija l-iskudi, naħsbu li ntebaħ ġà, li, fiż-żmien li qegħdin insemmu, kienu jiswew bil-wisq iżjed milli jiġi il-lum.

Carminati, barra milli kien joqgħod il-Palazz, kellu żewġ mezzanini għalih il-Belt: wieħed fejn il-Pilar u l-ieħor fi Strada San Paolo. Dawn kienu mikrija għandu b'4 xellini u żewġ soldi l-wieħed fix-xahar.

Dana Carminati, billi kien il-kamrier ta' Ball, kien jieħu ħsieb tal-mobbli u tal-ħwejjeġ kollha li kien hemm fl-appartament ta' Ball, fosthom ix-xabla li kienu tawh il-Maltin. Dina ix-xabla kienet miżmuma ma' żewġ xwabel oħra fil-Bureau li semmejna. Iċ-ċavetta tal-Bureau kienet titqiegħed fuq is-sakaf tiegħu stess; billi dana l-Bureau kien ftit u xejn għoli, ħadd ma kien jintebaħ fejn kienet tkun iċ-ċavetta, ħlief dawk biss li kienu jkunu jafu biha.

Ma' dwar l-aħħar jiem ta'Mejju 1804, waqt li kien qiegħed jitniżżel x'kien hemm il-Palazz, ix-xabla ta' Ball ġiet miktuba li tinsab fil-Bureau li semmejna. Iżda fl-4 ta' Ġunju li ġie wara, waqt li Carminati kien ilesti l-ħwejjeġ tal-gala lill-Gvernatur Ball, mar ifittex ix-xabla fejn is-soltu kienet tkun, biex iħejjihielu wkoll mal-ħwejjeġ l-oħra, u ma sabhiex. Fuq hekk mar ifittixha f'appartament ieħor; iżda billi l-anqas ma sabha, staqsa lis-seftura Manwela Sammut, mill-Furjana, jekk hijex fl-appartament tagħha. Manwela

weġbitu li ma rathiex. Imbagħad staksieha jekk hijex fil-bagoll. Manwela qaltlu li l-bagoll ma tafx x'fih, għax iċ-ċavetta tiegħu qiegħda għand is-sinjura.

Għal dana t-tweġib tas-seftura, Carminati mar fejn is-sinjura Ball u qallha biex tista' tlestilu x-xabla l-oħra, bla ma qaltlu (is-sinjura lil Carminati) jekk ix-xabla tal-Maltin tinsabx għandha jew lè. Imħabba f'hekk, Carminati, billi baqa' bil-ħsieb li x-xabla qiegħda għand il-padruna tiegħu, ma tax rapport li hija naqset, għax qatt ma ġietu f'rasu li setgħu ħaduha.

Carminati dam ma tkellem ħafna fuq in-nuqqas tax-xabla, għax baqa' dejjem bil-ħsieb li hi miżmuma fl-appartament tas-sinjura. Iżda fl-4 ta' Lulju 1804, billi Carminati ried ilesti l-bagalji ta' Guljermu, it-tifel ta' Sander Ball, waqt li kien jiġbor il-ħwejjeġ tiegħu biex ilaqqagħhom flimkien, ħalli jara hemmx xi ħaġa nieqsa, ntebaħ li x-xabla tal-Maltin ma kinetx hemm. U għalkemm dam iqalleb u jfittex għal jumejn, ma rnexxielux isibha u l-anqas jiġi fiha kif setgħu ħaduha.

Meta Carminati ta rapport li x-xabla naqset, ġie mqabbad li jfittixha kullimkien mill-ġdid, sew minn Ball kemm ukoll mill l-Uditur Zammit. Iżda bit-tfittix kollu li sar, ix-Xabla tal-Maltin ma setgħet tinsab imkien. Fuq hekk, il-Gvernatur Ball, fis-6 ta' Lulju 1804, talab u ordna lill-Qorti, biex tara hi kif inhi dil-biċċa tas-serqa u tagħmel ħaqq mill-ħati. Għalhekk malajr ġie arrestat Carminati biex iwieġeb hu għan-nuqqas tax-xabla, bħala dak li kien il-kamrier li kellu jieħu ħsieb ta' kull ma kien hemm fl-appartment ta' Ball.

Meta Carminati ġie mistoqsi dwar in-nuqqas tax-xabla, wieġeb u qal, li fil-kamra ta' fejn kienet ix-xabla ma kinux jidħlu nies barranin ; biss fiha kien jidħol Surmast ta' l-iżirma jismu Toni Francalanza, Naplitan. Dana billi kien jati l-lezzjoni ta' l-iżgirma lil Guliermu, it-tifel ta' Ball, kien jaf m'hux biss fejn kienet ix-xabla tal-Maltin, imma kien jaf ucoll fejn kienet tkun iċ-ċavetta tal-Bureau.

Francalanza kien jaf b'dan kollu, billi kemm-il-darba kien ra' lil Carminati joħroġ ix-xabla minn fejn kienet biex juriha sew lil Ball, kif ukoll lil xi nies oħra li kienu imorru jarawha. Iżda jum fost l-oħrajn, f'waqt li ma kienx hemm is-Surmast ta' l-iżgirma, uriha wkoll lil wieħed fizzjal, jismu Laverona. Dan ħadha f'idu biex jara jekk hix tajba u ħafifa għal l-idejn.

Għal dana kollu, Carminati ħaseb u qal, li x-xabla ġiet meħudha mill-imsemmi Francalanza, m'hux biss għax ħadd ħliefu ma kien jista' jidħol fil-kmamar, barra n-nies tad-dar, fiż-żmien li ma kien ikun hemm ħadd fil-palazz, imma wkoll għax hu waħdu kien jaf fejn kienet ix-xabla u ċ-ċavetta tal-Bureau. Iżda Francalanza ma kienx hawn Malta, biex iwieġeb għal dak li qal fuqu Carminati, għax kien imsiefer.

Fiż-żmien li Carminati kien arrestat u miżmum il-ħabs, fil-Palazz tal-Gvernatur, waqt li kienu jqanqlu xi mobbli minn posthom biex iqegħduhom f'band'oħra, sabu il-lama tax-xabla tal-Maltin. Din kienet moħbija wara Armarju miżbugħ isfar, li kien qiegħed fil-bidu tad-daħla tal-kamra ta' l-alkova, mal-lemin. Malli nsabet, ġiet meħudha malajr lil Ball. Dan għarafha fil-ħin u qal, li dik il-lama hi tax-xabla li kienu tawh il-Maltin b'tifkira ta' kemm għamel magħhom fi żmien l-Imblokk. Imbagħad ġiegħel li l-lama tiġi meħudha u mqiegħda il-Qorti.

Hekk kif il-lama tqiegħdet il-Qorti, gew imsejħa żewġ arġentiera bħala Periti biex jaraw jekk jagħarfuhiex. Il-Periti kienu Lebrun li konna semmejna u Ġanpatist Naudi, imgħallem fil-ħanut ta' Lebrun. Dawn għarfuha malajr, billi Naudi kien ra' wkoll lill-mejjet Zimelli jaħdimha. Il-Periti ssuktaw qalu, li l-maqbad tad-deheb li kellha l-lama ġie mneħħi minnha b'saħħa kbira, kif deher mis-sinjali li baqgħu fil-lama. Min seraqha għamel ħiltu kollha biex jaqsamha ħalli jeħdilha biss il-maqbad tad-deheb li kellha; iżda waqt li kien igħawwiġha biex jiksirha, tqaċċat il-vit tagħha u l-maqbad tad-deheb ħareġ waħdu. Għalhekk ma kienx jinħtieġ li wieħed jissokta jiksirha. Ġie magħruf ukoll il-għant isw[e]d tax-xabla, għalkemm minn dan kien nieqes il-gaspa u ż-ż[ew]ġ vajlori tagħha, bil-ħoloq tad-deheb tagħhom, fejn, fil-vajlora ewlenija kien hemm minqux il-kitba li turi minn min ġiet mogħtija x-xabla. Biex wieħed ħa d-deheb mix-xabla ried żmien ta' ma dwar kwarta.

Meta Carminati ġie mistoqsi l-għala ma fittexx wara l-armarju l-isfar, wieġeb, li ma basar qatt li x-xabla setgħet tinħeba warajh, billi l-armarju kien mal-ħajt sewwa, fil-ħin li l-maqbad tax-xabla kien oħxon ma l-erbât iswaba.

Iżda l-Qorti tefgħet il-ħtija kollha fuq Carminati, billi ix-xabla kienet taħt il-ħsieb tiegħu u fuq li dam ukoll u ħalla ma' dwar xahar biex ta r-rapport tan-nuqqas tax-xabla. Li kieku Carminati tkellem mill-ewwel,kien jista' jsir it-tfittix malajr u aktarx kienet tinsab. Għalhekk, billi ma tkellimx

fil-waqt, ta s-setgħa lill-ħalliel li jisraq u jilħaq jaħrab. Fuq hekk, Carminati ġie mgħoddi bħala sieħeb fis-serqa.

Carminati ħa l-ħtija wkoll fuq li kien iħalli ċ-ċavetta milħuqa minn kullħadd lejl u nhar, fil-ħin li kien jaf li l-għassa ta' bil-lejl, li kien ikun hemm fil-mogħdija għat-Turretta, aktarx tkun rieqda, inkella lè.

Carminati qal li ċ-ċavetta kien iħalliha hemm, biex is-sinjuri tiegħu ikunu jistgħu jsibuha malajr. Iżda, b'dana kollu dit-tweġiba ma kienet ta' ġid xejn għalih, għax bil-lejl kien imissu jżomm iċ-ċavetta fuqu, u m'hux iħalliha hemm fuq il-Bureau. Għalhekk il-Fiskal tal-Qorti (l-Avukat tal-Kuruna) talab biex Carminati, m'hux biss jiġi mwaħħal il-ħabs, imma jeħel ukoll li jħallas id-danni u l-interessi kollha.

Il-Qorti laqgħet it-talba tal-Fiskal, u lil Carminati, barra milli waħħlitu li jiġi eżiljat f'Għawdex għal ħames snin, waħħlitu wkoll li jħallas lill-Gvernatur Ball, għadd ta' flus daqs kemm kienet tqum u tiswa x-xabla tal-Maltin.

Iżda billi l-ħsieb ta' Ball ma kienx li jitħallas minn għand Carminati tax-xabla li serqulu, imma biss li jsir ħaqq mill-ħati, ma ried jieħu l-ebda ħabba minn għand Carminati. Barra minn hekk, billi Ball ried li dil-biċċa tibqa' tifkira, ġiegħel li daqs kemm ġew maqbuda flus u ħwejjeġ oħra tad-deheb minn għand Carminati, jiġu mogħtija b'rigal, lill-Caxxa ta' l-Ospizju tax-Xjuħ minn flusu (minn flus Ball.)

Il-flus li ġew mislufa għand Carminati, ma kenux biż-żejjed biex iħallsu s-siwi li kienet tqum din ix-xabla tal-Maltin. Iżda Ball, barra milli ħafirlu l-bqija, ġiegħel ukoll li jatuh lura dak kollu li sabulu, biex Carminati jieħdu miegħu fl-eżilju Għawdex.

Għalkemm x'uħud ferħu għax lil Ball serqulu x-xabla, billi dawn kienu għedewwa tiegħu, iżda l-għali tal-kotra il-kbira tal-Maltin kien kbir ħafna. Għalhekk reġgħu għamlulu oħra isbaħ ingħażlu: d-Deputati, fosthom Lippu Castagna, Gvernatur ta' Għawdex, u tawhielu fis-17 ta' Jannar 1807 flimkien ma' Ittra. Fil-waqt li tawhielu, Castagna qralu Indirizz fejn urieh il-kbir għali tan-Nazzjon Malti għas-serqa tax-xabla. Wara, Ball irringrazzjah u, għal l-Ittra li tawh, wieġeb b'Ittra oħra fid-19 ta' Jannar 1807.

**Ġużè Gatt.**